MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 473/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Michael Mallia**

**vs**
**Joseph Camilleri**

Il-Qorti;
Rat li l-imputat Joseph Camilleri ta’ 39 sena, iben Paul u Teresa nee’ Caruana, imwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Frar, 1972 u residenti Flat 1, Sunset Court, Triq Mons. Anton Cilia, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 110672(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :
Fil-11 ta’ Gunju, 2010, u/jew fix-xhur ta’ qabel minn gewwa l-fond numru 5, St. Catherine, Triq l-Iskola, Zejtun, flimkien ma persuna/i ohra :

1. ikkommetta serq ta’ gojellerija, kif ukoll flus kontanti, w/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha

w tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-lok, u li sar ghad-detriment ta' Maria Concetta Cutajar u/jew ta' persuna/i ohra ;

2. F'Malta, assocja ruhu ma Charlene Cutajar bil-ghan li jaghmel delitt ta' serq aggravat ghad-dannu ta' missierha Lorenzo Cutajar ;

3. Rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 21 ta' Ottubru 2011 (esebita a fol. 133 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 261(c), (d) u (e), 267, 268(b), 269(g), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikolu 48A(1), (2), (3), (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 17, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' deheb li allegatament sehh fil-11 ta' Gunju 2010 jew fix-xhur ta' qabel mir-residenza ta' mara anzjana Maria Concetta Cutajar u cioe' mill-fond 5, St'Catherine, Triq l-Iskola, z-Zejtun minn membri tal-familja taghha stess. F'dawn il-

proceduri xehed l-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Joseph Mercieca (a fol 31) fejn spjega hu flimkien mal-Ispettur Michael Mallia kienu qieghdin jinvestigaw lill-imputat Joseph Camilleri rigward serqa u li ma tiffurmax il-mertu tal-kaz odjern u fil-kors ta’ dik l-investigazzjoni rcieva telefonata minghand Maria Concetta Cutajar li tigi n-nanna tal-mara tal-imputat fejn din allegat li l-imputat kien seraq kwantita’ ta' deheb mir-residenza taghha. Hija qaltlu li ma kinitx ghamlet rapport fuq din is-serqa u l-Ispettur Mercieca spjega li baghat lil-pulizija taz-Zejtun sabiex ikellmu lil Maria Concetta Cutajar. Ftit wara li kienu kellmuha l-pulizija taz-Zejtun din ghamlet rapport maghhom dwar is-serq tad-deheb. Irrizulta li Maria Concetta Cutajar kienet saret taf li l-imputat kien involut fis-serq tad-deheb taghha minhabba li n-neputija taghha, certu Charlene Cutajar, li tigi oht il-mara tal-imputat qaltilha li waqt li kienet qeghda fir-residenza tal-imputat gewwa San Pawl il-Bahar kienet rat kwantita’ ta' deheb li kienet gharfet li kienu tan-nanna taghha. Hija kompliet tghidilha li fil-fatt dan Joseph Camilleri kien qabbadha sabiex tisraq id-deheb taghha. L-Ispettur kellem lil Charlene Cutajar fejn din qaltlu li f'Gunju kienet fid-dar ta' ohtha f'San Pawl il-Bahar fejn rat xi gojjellerija li ndunat li kienet ta’ nannitha u l-imputat qalilha sabiex hi tiehu l-kumplament tad-deheb minghand in-nanna. Ohta Ramona Camilleri kienet qaltilha fejn kien jinsab il-kumplament tad-deheb u hi kienet hadet zewg gizirajjen, zewg arloggi u xi kwantita’ ta' msielet minn zewg gradenzi fil-kamra tas-sodda ta' nannitha. Charlene Cutajar qalet lil Pulizija li wara kienet qabdet tal-linja u baqghet sejra l-venda tal-Belt fejn hemhekk kienet iltaqghet ma' Joseph Camilleri u ghaddietlu l-gojjellerija li kienet hadet minghand in-nanna taghha. L-Ispettur kien kellem ukoll lil Ramona Camilleri li kienet cahdet li kienet involuta f'din is-serqa. Maria Concetta Cutajar kienet ghamlet dikjarazzjoni li ma tridx tiehu passi fil-konfront ta' Charlene Cutajar dwar dan il-kaz izda prezentat kwerela biex jittiehdu passi kontra Joseph Camilleri. Joseph Camilleri gie arrestat in konnessjoni ma' din is-serqa u rrilaxxja stqarrija fejn innega li huwa kien involut b'xi mod f'din is-serqa. In kontro-ezami l-ispettur Joseph Mercieca (a fol 129) qal li Charlene Cutajar ma kinitx tressqet il-Qorti in

konnessjoni mas-serq de quo ghaliex Maria Concetta Cutajar ma riditx li jittiehdu passi fil-konfronti taghha. L-Ispetttur Mercieca kkonferma wkoll li huwa beda' jinvestiga l-kaz hafna xhur wara li kien sehh l-allegat serq tad-deheb u dan kien dovut ghall-fatt li d-derubata kienet cemplitlu ferm wara li sehh l-imsemmi serq. Huwa qal li d-derubata qatt ma bidlet verzjonijiet meta kellimha ghaliex fil-fatt huwa kien ha stqarrija wahda biss taghha. Huwa kkonferma li fil-fatt rapport formali dwar is-serq tad-deheb kien sar xhur wara li d-derubata saret taf bih.

F'dawn il-proceduri xehdet Charlene Cutajar (a fol 38) li qalet li taf li ohtha Ramona Camilleri, kienet hadet id-deheb minghand in-nanna taghha u cioe' minghand Maria Concetta Cutajar. Hija kompliet tghid li fil-fatt kienet ohtha li wrietha dan id-deheb li gharfitu li kien tan-nanna u Joseph Camilleri qallha biex hi iggib il-kumplament u ma tghid xejn lil hadd ghaliex hazin ikun ghaliha. Hija kompliet tghid li kienet hadet xi affarijiet tad-deheb li kienu zewg arloggi, msielet u zewg brazzuletti minn gewwa kexxun mir-residenza tan-nanna fiz-Zejtun u tathom lil Joseph Camilleri meta ltaqghet mieghu gewwa l-Belt u dan kien f'Gunju tas-sena 2010. Hija qalet li kienet kellmet lill-Pulizija rigward is-serq tad-deheb u wara qalet ukoll lin-nanna taghha fuq dak li kien gara. Hija kompliet tghid li nannitha kienet cemplet lil Joseph Camilleri u qaltlu li hi kienet kixfitu. Fil-fatt dan Joseph Camilleri kien cempel lil missierha u missierha stess kien cempel lin-nanna taghha sabiex jara x'inhi din il-kwistjoni dwar id-deheb u n-nanna ghall-ewwel qalet li mhux veru pero' wara kkonfermat li kien naqas id-deheb. Hija kompliet tghid li l-imputat kien qalilha sabiex tisraq ukoll xi deheb minghand missierha izda hija ma accettatx li taghmel dan. Hija kompliet izzid li d-deheb kienet taf fejn qieghed minhabba li ohtha Ramona Camilleri kienet qaltilha fejn ikun waqt li Joseph Camilleri qalilha sabiex ma tghid xejn lil hadd ghaliex hazin ikun ghaliha izda kompliet tghid li ma kienx spjega x'kien ser jaghmlilha. Hija qalet li kienet kellmet lill-imputat rigward id-deheb u pruvat iggib xi haga lura izda d-deheb li kien taha ma kienx deheb veru. In kontro-ezami Charlene Cutajar innegat li kienet hadet id-deheb qabel ma kellimha l-imputat. Hija qalet li fil-fatt kienet Ramona li

hadet dan id-deheb l-ewwel darba mid-dar tan-nanna u dan qalitulha l-istess Ramona. Charlene Cutajar (a fol 139) dejjem in kontro-ezami qalet li l-imputat kien hajjarha sabiex tmur tisraq minghand in-nanna taghha. Hija qalet li r-rapport lill-Pulizija kien ghamlu missierha wara li kienet qaltlu x'ghamlet. Hija qalet li damu sabiex jaghmlu r-rapport minhabba li n-nanna kienet ma tiflahx u sostniet li meta kellimha l-imputat kien hemm ohtha wkoll prezenti. Hija regghat qalet li ghamlet dak li ghamlet u cioe' li serqet l-affarijiet tad-deheb minghand in-nanna ghaliex kienet tibza' mill-imputat izda mbaghad ziedet tghid li hu qatt ma kien vjolenti maghha jew sawwatha.

Meta xehed Lawrence Cutajar (a fol 46) dan qal li jigi missier il-mara tal-imputat (Ramona Camilleri nee' Cutajar) u ta' Charlene Cutajar. Huwa zied jghid li kien ircieva telefonata minghand l-imputat fejn dan qallu li ommu (Maria Concetta Cutajar) kienet qeghda tghid li Joseph Camilleri flimkien ma' bintu Ramona kienu serqu xi deheb mid-dar taghha. Huwa qal li kien sorpriz b'dan kollu ghaliex hu ma kien jaf b'xejn u ghalhekk cempel lill-ommu sabiex jara x'gara fejn ghall-ewwel din cahdet li kienet kellmet lill-imputat u lil Ramona izda mbaghad kompliet tghidlu li kienu hadulha d-deheb kollu u qaltlu li xtaqet tkellem lil Charlene. Charlene u ommu bdew jitkellmu fuq it-telefon fejn it-tifla cahdet li hadet xi deheb. Huwa kien mar ma bintu Charlene ghand ommu fejn bdew ifittxu d-deheb izda dan ma nstabx. Ix-xhud kompla jghid li qal lill-ommu sabiex icemplu lil Pulizija u fil-fatt kien kellem lil wiehed pulizija mill-Ghassa taz-Zejtun u gew il-Pulizija u kellmu lil Charlene fejn din qaltilhom li kienet ser tipprova ggib id-deheb misruq lura. Lawrence Cutajar qal li Charlene kienet qaltlu lil ohtha Ramona bdiet turiha xi deheb u staqsitha jekk tgharfux u qaltilha li kien tan-nanna. Ramona marret terfa' d-deheb u mbaghad l-imputat kellem lil Charlene fejn qalilha li xogholha kien li tkompli tisraq id-deheb li kien fadal ghand in-nanna u l-imputat u Ramona qalulha li d-deheb kien qieghed gewwa gradenza bajda. Il-pjan kien li Charlene tmur ghand ommu u waqt li tkun hemm taghmel sinjal lil Ramona halli din iccempel lil Maria Concetta Cutajar u waqt li din tal-ahhar tkun qed titkellem Charlene tmur tisraq id-deheb u

mbaghad tmur tiltaqa’ mal-imputat halli taghtih id-deheb. Dejjem skond Lawrence Cutajar Charlene giet imwissija sabiex ma taghmilx kuntatt bit-telefon u sabiex ma tghid xejn lill-Pulizija jew lin-nanna. Huwa qal li Charlene kienet qaltlu li l-imputat kien qalilha sabiex imorru jisirqu anki lilu. Ix-xhud jghid li Charlene tatu din il-verzjoni wara li kienu gew il-Pulizija taz-Zejtun izda qabel ma’ ommu kienet ghamlet rapport mal-Pulizija. Huwa kkonferma li dak kollu li kien jaf fuq dan il-kaz kien kollu dak li qaltlu t-tifla tieghu Charlene. Cutajar qal li ma kienx jaf x’intqal bejn ommu u Charlene fuq it-telefon meta ommu riedet tkellem lil bintu izda sema’ lit-tifla tichad li hadet xi haga. Huwa qal li fil-fatt l-imputat qatt ma dahal gewwa d-dar t’ommu u li dan seta’ kien jaf fejn qieghed id-deheb minhabba li l-mara tieghu Ramona kienet tidhol ghand ommu u skont hu kienet toqghod titla’ fuq. Lawrence Cutajar (a fol 145) qal li ma kienx hu li kien ghamel rapport lil Pulizija dwar dak li kien gara lill-ommu u cioe’ s-serqa tad-deheb mill-imputat u sostna li r-rapport fil-fatt sar minn ommu. Huwa zied jghid li kien cempel lill-Pulizija sabiex jigu d-dar minhabba li ommu ma tistax tohrog. Huwa kkonferma li issa li mietet ommu ma kienx ghad baqa’ deheb fid-dar. Huwa zied jghid li l-imputat Joseph Camilleri dahal fl-istorja minhabba dak li qalet it-tifla tieghu Charlene u kkonferma wkoll li t-tifla tieghu giet diversi drabi rikoverata gewwa l-isptar Monte Carmeli.

Meta xehed PS 1429 Eric Mangion dan qal li kien ircieva telefonata mill-Ispettur Joseph Mercieca sabiex ikellem lil certa Maria Concetta Cutajar. Fil-fatt din qaltlu li sitt xhur qabel kienet giet misruqa mid-dar taghha minn certa Charlene Cutajar ta’ erbatax-il sena li tigi n-neputija taghha. Skond hi fil-fatt kien fil-fatt l-imputat li baghtha tisraq. Huwa qal lli Maria Concetta Cutajar tatu elenku ta’ oggetti li gew misruqa li l-valur taghhom kien jammonta ghal total ta’ €4679. PC 841 Raymond Mallia (a fol 83) qal li jaf lil certu Lawrence Cutajar u li dan kien qallu li xtaq ikellmu. Huwa kien mar ikellmu flimkien ma’ PS 447 fejn Lawrence Cutajar kien qallu li t-tifla tieghu kienet serqet xi deheb minghand in-nanna taghha izda meta huma kellmu lil Maria Concetta Cutajar din qaltilhom li ma riditx tiehu passi kontra n-neputija taghha PS 447 Kevin Camilleri (a

fol 121) qal li xi xhur qabel ma kien sar ir-rapport ufficcjali kien kellmu PC 841 u nfurmah li certu Lawrence Cutajar kellu bzonn assistenza minhabba suspett ta' serq mir-residenza ta' ommu. Huwa qal li kien kellem lil Charlene izda din bdiet tinnega li kienet involuta f'xi serq ta' deheb ghad-dannu ta' Maria Concetta Cutajar. Huwa qal li lil vittma kien kellimha ftit u din qaltlu li kellha xi deheb li kien ittiehed. Huwa zied jghid li Lawrence Cutajar kien qallu li kien se jara fejn setghet ghamlet dan id-deheb izda fl-istess hin Maria Concetta Cutajar bdiet issostni li d-deheb kien insterqilha.

L-imputat Joseph Camilleri ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (a fol 167) fejn qal li kien hemm okkazzjoni fejn huwa kien id-dar mal-mara tieghu Ramona Camilleri u t-tifla taghhom meta cemplet Maria Concetta Cutajar li qalet lill-mara tieghu li ohtha Charlene kienet serqet xi deheb mid-dar taghha. Huwa kien qal lil martu li kellu jigi infurmat missierha fuq dak li kien gara izda l-mara tieghu kienet qaltlu sabiex ma jghidulu xejn ghaliex dan ma kienx jirraguna. Wara xi tlett ijiem regghet cemplet Maria Concetta Cutajar fejn qalet li kienet tat xi zmien lil Charlene sabiex terga' ggib lura d-deheb minhabba li kienu kellmuha l-Pulizija. Huwa kompla jghid li skond hi lil Pulizija kienet qaltilhom li d-deheb kienet tatu lil wahda habiba taghha li jisimha Maria. L-imputat zied jghid li l-mara tieghu kienet kellmet lil Charlene u staqsietha 'il ghala ghamlet hekk lin-nanna taghha. Huwa qal li ftit taz-zmien wara kien cempel missier il-mara tieghu, Lawrence Cutajar irrabjat ghaliex haseb li huwa kien involut minhabba l-passat tieghu. Huwa qal li Lawrence Cutajar ma tantx kien kuntent li hu kien involut mat-tifla tieghu u zied jghid li missier il-mara tieghu kien persuna vjolenti u fil-fatt anki ommha kienet telqet mid-dar. L-imputat jispjega lli huwa hass li l-familja Cutajar kienu qeghdin jivvintaw dawn l-affarijiet fuqu. L-imputat innega li qal lil Charlene sabiex tmur tisraq ghalih u kompla jzid li dawn l-affarijiet qalhom kollha missierha. Huwa qal ukoll li dak li kien sar jaf fuq id-deheb kien kollu minghand Ramona u huwa qatt ma dahal fid-dar tan-nanna tal-mara tieghu ghaliex huwa kien biss iwassal lir-Ramona u jerga' jigborha. L-imputat spjega li llum il-gurnata m'ghadux mal-

mara tieghu u qeghidn jisseparaw u t-tifla qieghed irabbiha ghand ommu. In kontro-ezami (a fol 171) l-imputat qal li fiz-zmien li nsteraq id-deheb hu u l-mara kienu ghadhom flimkien. Huwa qal li huwa f'dan il-kaz m'ghamel xejn u sostna li ma kien semma xejn meta kelmuh il-pulizija fuq li l-fatt li Lawrence Cutajar ried jitfghu l-habs ghaliex huwa wiegeb biss ghal dawk il-mistoqsijiet li kienu staqsewh.

Ikkunsidrat:

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali (5 ta' Dicembru, 1997)*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza* fid-19 ta' Mejju, 1997*)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz kollu fuq ix-xhieda ta' Charlene Cutajar. Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijet konfliggenti fejn Charlene Cutajar min-naha l-wahda ssostni li l-imputat kien qabadha tisraq id-deheb minghand in-nanna taghha filwaqt li l-imputat min-naha l-ohra dejjem sostna li huwa qatt ma kien invout fis-serq tad-deheb. Din il-Qorti trid ghalhekk tevalwa jekk ix-xhieda ta' Charlene Cutajar tistghax titwemmen u jekk din tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputat. Irid jigi rilevat li Maria Concetta Cutajar ma xehditx f'dawn il-proceduri stante li mietet ftit wara li nbdew.Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda moghtija minn Charlene Cutajar u minn missierha Lawrence Cutajar setghat tinnota certu nkonsistenzi fix-xhieda taghhom liema nkonsistenzi geghluha tiddubita mill-kredibilita' tax-xhud principali tal-Prosekuzzjoni Charlene Cutajar u dwar il-fatt li din kienet serqet id-deheb ghaliex giet imqabda taghmel dan mill-imputat. Il-Qorti setghat tinnota li meta xehdu PC 841 Raymond Mallia u PS 447 Kevin Camilleri li t-tnejn qalu li kellmu lil Maria Concetta Cutajar wara s-serq tad-deheb dawn it-tnejn ma ndikawx li Maria Concetta Cutajar kienet semmitilhom l-involviment tal-imputat fis-serq tad-deheb izda qalu biss li din kienet indikat lil Charlene Cutajar bhala l-persuna li ghadditilha d-deheb u qalet li ma riditx tiehu passi kontriha. Illi inoltre minn imkien mix-xhieda ta' dawn il-Pulizija ma jirrizulta dak li qalu Lawrence Cutajar u Charlene Cutajar fis-sens li Charlene kienet qalet lil Pulizija li kienet ser tipprova ggib lura d-deheb misruq. Illi mix-xhieda ta' dawn il-Pulizija anzi jirrizulta li Charlene Cutajar baqghet tinnega maghhom li kienet involuta fis-serq tad-deheb. Irid jigi wkoll rilevat li d-deheb li Charlene u Lawrence Cutajar jallegaw li Charlene gabet lura minghand l-imputat qatt ma gie esebit f'dawn il-proceduri. Din il-Qorti setghat ukoll tinnota li ghalkemm Charlene qalet li serqet id-deheb mid-dar tan-nanna taghha ghaliex kienet tibza' mill-imputat hija la ndikat ghalfejn kienet tibza' mill-imputat u inoltre qalet ukoll li ghalkemm huwa qalilha sabiex tisraq xi affarijiet mid-dar ta' missierha hija dan m'ghamlitux. Wiehed jistaqsi il-ghala fil-kaz tad-deheb

tan-nanna hija ghazlet li tibza' mill-imputat u taghmel dak li jghidilha izda fil-kaz tas-serq mid-dar ta' missierha hija ma komplietx tibza' mill-imputat u ghalhekk m'ghamlitx dak li tghid li qalilha sabiex taghmel.

Illi l-Qorti ghandha dubji serji dwar kif verament svolgew l-affarijiet u kif dahal fix-xena Joseph Camilleri. Il-Qorti setghat ukoll tinnota li kien biss Lawrence Cutajar li semma kif ommu kellha tigi distratta minn Ramona fuq it-telephone sabiex Charlene tkun tista' tiehu d-deheb u fil-fatt Charlene ma semmiet xejn dwar dan il-fatt. Dawn ic-cirkostanzi appena elenkati lkoll waslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li x-xhieda ta' Charlene Cutajar m'hijiex wahda kredibbli u li ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-imputazzjonijiet minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------